MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 24/2008/1

**Nathalie Saliba**

**v.**

**Arthur Saliba**

## Preliminari

**1.** Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-26 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha dik il-Qorti [1] ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut minhabba vjolenza da parti tieghu, u inkompatibilita` ta' karattru, [2] fdat il-kura u

kustodja tat-tfal minuri f'idejn l-attrici, bl-access favur il-missier, regolat skont id-digriet tat-12 ta' Gunju 2009, [3] ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewgt ittfal minuri l-ammont ta' hames mitt Euro (€500) fix-xahar sakemm dawn jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm isibu impieg bi qligh, skont liema cirkostanza tavvera ruhha l-ewwel, [4] laqghet ir-raba' talba, u ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' disat elef, tliet mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49), [5] iddikjarat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, [6] illikwidat l-assi tal-komunjoni, u assenjathom lill-partijiet, skont kif stabbilit u ordnat fis-sentenza, [7] astjeniet mit-talba ghan-nomina ta' kuratur, [8] awtorizzat lill-attrici sabiex tghix fid-dar matrimonjali, flimkien ma' ulied il-partijiet, ad eskluzjoni tal-konvenut ghal perjodu ta' sitt (6) snin mid-data tas-sentenza, [9] awtorizzat lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha 'Saliba'; inoltre, laqghet l-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant, u cahdet it-talbet kollha tieghu, sakemm dawn ma kienux kompatibbli mat-talbiet tal-attrici li gew milqugha – l-ispejjez kemm tal-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba jkunu a karigu tal-konvenut.

**2.** L-appell tal-konvenut jirrigwarda d-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar [1] il-htija ghas-separazzjoni, [2] il-kura u kustodja tat-tfal minuri, [3] il-manteniment, [4] il-likwidazzjoni tal-oggetti parafernali, [5] il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti, u [6] l-awtorizzazzjoni moghtija lill-attrici sabiex tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' zewgha ghal perjodu ta' sitt (6) snin.

**3.** Fir-rikors tieghu l-konvenut qieghed jitlob li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata, u tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu, tilqa' t-talbiet tieghu maghmula fil-kontro-talba, u tichad l-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

**4.** Min-naha taghha l-attrici qed titlob li din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenut, u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, u dawk tal-appell odjern ikunu a karigu tal-konvenut.

**5.** Fir-rikors guramentat l-attrici qeghda titlob is-separazzjoni personali minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll sabiex l-ewwel Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni, filwaqt li, fil-kontro-talba tieghu l-konvenut qed jitlob huwa wkoll is-separazzjoni personali, izda tort tal-attrici fit-termini tal-Artikoli 38 u 40 tal-imsemmi Kap.

**Il-Fatti**

**6.** Il-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Mejju 1996, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, Pamela u Jean Paul, li llum ghandhom circa hmistax (15) u tnax (12) – il sena rispettivament. Wara xi zmien ir-relazzjoni matrimonjali ta' bejniethom bdiet tiddeterjora, kagun ukoll tal-fatt li l-piz finanzjarju tal-attrici kiber meta din waqfet tahdem mat-twelid tat-tieni wild, minhabba l-oneru tat-trobbija. Rizultat ta' dan hi kienet tirrikorri ghal-ghajnuna tal-genituri taghha ghall-ispejjez tal-ghixien u tat-trobbija tat-tfal.

**7.** Min-naha tieghu l-konvenut jallega li x-xoghol tal-hadid li hu kien jaghmel fuq bazi *part-time* naqas b'mod sostanzjali, bir-rizultat li akkumula hafna dejn, kemm mad-dipartimenti tal-VAT u tat-Taxxi Interni, kif ukoll ma' terzi. Is-somma dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sas-sena 2008 kienet telghet ghal tmint elef, mija u tmienja u erbghin Euro (€8,148). Eventwalment dan id-dejn thallas minnu fil-mori tal-proceduri, bl-ghajnuna tal-genituri tieghu.

**8.** Fl-1 ta' April 2010, fil-mori tal-proceduri, il-konvenut kien gie ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali minhabba li ma kienx qed ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma. F'dan iz-zmien l-arretrati kienu lahqu somma sostanzjali, bir-rizultat li gie sospiz dan is-servizz fid-dar matrimonjali. F'dawn ic-cirkostanzi l-attrici, flimkien ma' uliedha, kellha titlaq mid-dar matrimonjali u marret toqghod ghand il-genituri taghha. Eventwalment bl-ghajnuna tal-genituri taghha hallset il-kontijiet kollha ammontanti komplessivament ghal elfejn, tliet mija u tlieta

u ghoxrin Euro u tmienja u tmenin centezmi (€2,323.88), u regghet marret tabita fid-dar flimkien mat-tfal.
**9.** Il-kura u kustodja tat-tfal minuri kienu f'idejn l-attrici, bl-access favur il-missier kif regolat bid-digriet fuq citat.

**L-Appell**

*L-ewwel aggravju*

**10.** Dan jittratta dwar it-tort ghas-separazzjoni, li l-ewwel Qorti attribwiet lill-konvenut.

**11.** Fir-rigward, l-ewwel Qorti qalet hekk:

"Illi l-Qorti billi kellha wkoll opportunita' tisma' lill-partijiet thoss li l-attrici hija aktar kredibbli fix-xhieda taghha, u r-ritratti esebiti minnha a fol. 36 et sequitur huma bizzejjed biex jikkonvincu lill-Qorti li l-konvenut uza vjolenza fil-konfront taghha, u dan ma huwa skuzabbli QATT. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa bizzejjed biex iwassalha ghall-konkluzjoni li l-konvenut jahti ghat-tifrik taz-zwieg."

**12.** Fl-ewwel lok, il-Qorti tirribadixxi[1] li f'materja ta' apprezzament ta' provi, partikolarment fejn l-ewwel Qorti tkun semghet hi x-xhieda *viva voce*, din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment dak l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, sakemm ma jirrizultax mill-provi, li dak l-apprezzament kien manifestament zbaljat, b'mod li parti tkun ser issofri ngustizzja.

**13.** Fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti kellha okkazzjoni tisma' lill-partijiet, u waslet ghall-gudizzju taghha li taghti affidament lix-xhieda tal-attrici u mhux lil dik tal-konvenut. Din il-Qorti, wara ezami tal-provi, ma tirraviza xejn manifestament zbaljat fid-decizjoni tal-ewwel Qorti meta kkunsidrat bhala veritiera l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici.

---

[1] Ara per ezempju - App.S Av.**Henry Mamo v. Joseph Mamo** deciza 7 Lulju 2006; App.S **Borg Barthet v. Cornik Constructions Limited** 13 Ottubru 2008

**14.** Il-konvenut jilmenta mill-fatt li meta l-ewwel Qorti attribwiet it-tort lilu ghall-firda, hi strahet fuq incident wiehed fejn l-attrici sofriet griehi f'ghajnejha. Huwa jghid li dan kien incident izolat, u mhux daqstant gravi. Jghid ukoll li dan l-incident sehh minhabba provokazzjoni kontinwa da parti tal-attrici.

**15.** Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-ewwel Qorti ghamlet enfasi fuq dan l-incident fil-konsiderazzjonijiet taghha li fuqhom waslet ghall-konkluzjoni li l-htija ghas-separazzjoni kienet tirrisjedi fuq il-konvenut minhabba vjolenza ezercitata minnu fuq l-attrici, mill-provi jirrizulta li ghall-perjodu twil matul il-konvivenza matrimonjali, l-attrici kienet soggetta ghall-vjolenza morali jew psikologika da parti tal-konvenut. Mill-provi jirrizultaw it-theddid, l-ghajjat u l-kliem hazin da parti tal-konvenut, anke quddiem l-ulied. Dan il-komportament jikkostitwixxi abbuz verbali fil-konfront tal-attrici u tal-istess ulied, u stante li dan kien jigi ezercitat fuq bazi abitwali u ripetuta, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 fuq citat.

**16.** Ma' dan jizdied ukoll il-fatt li l-konvenut, li fi zmien meta l-konvivenza kienet wahda normali kellu zewg impiegi, kien ihalli lill-attrici nieqsa mill-flus partikolarment meta din kienet waqfet tahdem wara t-tieni wild. Kien jaghtiha tletin liri antiki (Lm30) kull hmistax ghall-ispejjez tal-hajja li naturalment ma kienux iservuha bir-rizultat li ta' sikwit kienet tirrikorri ghall-ghajnuna tal-genituri taghha biex tixtri affarijiet bazici, inkluzi hwejjeg ghat-tfal.

**17.** Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien ihalli lill-attrici fl-ghama dwar l-introjtu tieghu, sakemm eventwalment indunat li hu kien akkumula ammonti sostanzjali arretrati ta' VAT u ta' taxxa tad-dhul. Ghal tul ta' zmien il-konvenut ma kienx ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, b'mod li, wara li akkumulat somma relevanti bhala arretrati, il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma ssospendiet is-servizz, bir-rizultat li l-attrici u t-tfal ma setghux jabitaw aktar fil-fond matrimonjali meta dan kien priv minn servizz ta' dawl u ilma. Dan il-fatt wahdu jikkostitwixxi prova cara ta' kemm il-konvenut kien irresponsabbli, mhux biss fil-konfront ta' martu izda anki, u izjed u izjed fil-konfront ta' uliedu, meta

b'rizultat ta' pika [minhabba r-rata ta' manteniment li l-ewwel Qorti ordnatlu jhallas pendente lite] huwa gab lil familja tieghu f'din is-sitwazzjoni.

**18.** Kienu dawn il-fatti, flimkien mal-abbuz verbali da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici li rrendew insapportabbli ghaliha l-konvivenza matrimonjali mal-konvenut.

**19.** Ghalhekk din il-Qorti tosserva li, filwaqt li taqbel mal-konvenut li incident wiehed ta' vjolenza fizika, li mill-provi ma jirrizultax li kien wiehed gravi, u li ma jikkwalifikax bhala 'eccessi' fit-termini tal-Artikolu 40, ma jikkostitwix *per se* raguni valida ghas-separazzjoni personali, izda meta jigi kkunsidrat ukoll il-komportament abbuziv tal-konvenut fil-konfront ta' martu u ta' uliedu fuq tul ta' zmien, l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konkluzjoni taghha meta attribwiet lilu l-htija tal-firda.

**20.** Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet premessi, il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-htija tal-konvenut hija korretta, u f'dan is-sens l-ewwel aggravju qed jitqies infondat.

*It-tieni aggravju*

**21.** Dan jirrigwarda l-kura u kustodja tat-tfal minuri. Fir-rigward, l-ewwel Qorti ddecidiet hekk:

"Illi matul il-proceduri l-attrici giet moghtija l-kura u kustodja tal-minuri, u ma jidhrix li hemm xi raguni biex dan l-istat ta' fatt jinbidel. Il-konvenut jixtieq li din tkun wahda kongunta, izda l-Qorti tal-Appell kemm-il darba wriet li meta jkun hemm daqstant kontestazzjoni dan ma hux desiderabbli. Naturalment il-konvenut ghandu jkollu access xieraq kif gja miftiehem bejn il-partijiet tramite l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju 2009"

**22.** Fl-aggravju tieghu l-konvenut jghid hekk:

"... ... L-esponent dejjem gab rispett lejn it-tfal u l-ewwel Onorabbli Qorti kellha l-opportunita' li tkellem lit-tfal ghal

darbtejn fejn urew ix-xewqa taghhom lill-Onorabbli Qorti li ghandhom rispett lejn il-genituri. Ghalhekk ma tezisti ebda raguni ghalfejn il-kura u kustodja tat-tfal m' ghandhiex tkun kongunta, anke fl-interess tat-tfal. Tant hu hekk li l-esponenti dejjem baqa jara regolarment u jzomm kuntatt mat-tfal u kif ukoll kien hemm il-prezenza tieghu meta kien hemm bzonn."

**23.** Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li l-Qorti tal-prim istanza kellmet lill-minuri f'zewg okkazzjonijiet u ghalhekk kienet fl-ahjar pozizzjoni li tistabbilixxi x'inhuma x-xewqiet tal-minuri, u x'inhuma l-interessi taghhom, liema fatturi mhumiex necessarjament sinonimi, ghax ix-xewqat tat-tfal mhux necessarjament jikkorrispondu mall-interessi taghhom.

**24.** Fit-tieni lok, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li tul il-proceduri odjerni, bid-diffikultajiet kollha li s-sitwazzjoni tal-firda gabet fuq l-attrici hafna drabi kagun tal-atteggjament pikuz tal-konvenut, din xorta wahda baqghet tiehu hsiebhom u garret waheda l-oneru tat-trobbija, minkejja li l-konvenut ma kienx qed ihallas sehemu kollu mill-ispejjez tal-edukazzjoni, u meta kien ihallasha kien jaghmel hekk, fi kliemha, "bit-terturi."

**25.** Inoltre, il-fatt fuq indikat li l-konvenut naqas milli jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, ghal certu zmien, tant, li dan is-servizz kien gie sospiz bir-rizultat li l-attrici u t-tfal kellhom jitilqu mid-dar konjugali ghax fic-cirkostanzi din ma kinitx abitabbli, dan il-fatt jimmina serjament it-tezi tal-konvenut li hu ghandu ghal qalbu primarjament l-interessi tat-tfal.

**26.** Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma tarax li hu fl-interess tal-minuri jew li hemm xi raguni valida ohra, ghaliex ghandha tiddisturba l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti fir-rigward.

**27.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tielet aggravju*

**28.** Fir-rigward l-ewwel Qorti osservat hekk:

“Illi ghandu jinghad illi l-ewwel Qorti fl-istadju tal-medjazzjoni kienet tat digriet fejn akkordat manteniment ghall-minuri, peress li l-attrici hija mpjegata, u eventwalment l-ammont pagabbli mill-konvenut gie stabbilit ghal erba’ mija u tlett ewro [€403] fix-xahar, oltre nofs spejjez ohra. Il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm bdil fic-cirkostanzi li jwasslu ghal bdil f’ dan l-ammont, izda peress li l-attrici lmentat diversi drabi li l-konvenut ma kienx ihallas dawn l-ispejjez ser tordna hlas ta’ hames mitt ewro [€500] fix-xahar, u cjoe’ mitjen u hamisn ewro [€250] ghal kull minuri. It-tfal ghadhom l-Iskola u ghalhekk dan il-hlas ikun dovut sa kemm jaqghlqu 23 sena jew meta jibdew jahdmu bi qliegh, skond liema sitwazzjoni tavvera ruhha l-ewwel.”

**29.** L-aggravju tal-konvenut huwa fis-sens li l-manteniment huwa gholi tenut kont li l-introjtu tieghu huwa baxx. Inoltre, filwaqt li l-attrici, flimkien mat-tfal, jghixu fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tieghu, huwa kien kostrett li jghix band’ohra bir-rizultat li ghandu aktar spejjez, konsistenti f’dawk ta’ hlas tal-kera u spejjez ghal hajja. Il-konvenut jilmenta wkoll li l-manteniment ma kellux ikun dovut ghall-perjodu kollu sakemm it-tfal jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) sena, imma kellu jigi ristrett ghall-perjodu sakemm it-tfal jaghlqu tmintax (18) -il sena. Barra minnhekk il-mara tahdem u taqla’ paga tajba.

**30.** Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi relevanti ghal dan l-aspett tal-kawza hija tal-fehma li, fic-cirkostanzi, tenut kont tal-ilment tal-attrici li l-konvenut ma kienx ihallas sehemu kollu mill-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tfal, tikkunsidra bhala gusta, u fl-interess tat-tfal, li l-ispejjez tal-edukazzjoni jigu nkorporati fl-ammont tal-manteniment kif ghamlet l-ewwel Qorti. Inoltre, ikkunsidrat il-fatt li l-introjtu tal-partijiet, minn paga huwa bejn wiehed u iehor l-istess, ikkunsidrat ukoll li l-konvenut ghandu sengha ta’ haddied u ghalhekk jista’ jawmenta l-qliegh tieghu kif kien ghamel fil-passat meta r-relazzjoni matrimonjali kienet tajba, u kkunsidrat ukoll dak li ser jigi hawn taht deciz

dwar id-dar matrimonjali, tikkunsidra l-ammont fissat mill-ewwel Qorti bhala xieraq u gust.

**31.** Dak li pero` din il-Qorti ma taqbilx mieghu huwa fejn l-ewwel Qorti estendiet il-hlas ta' dan il-manteniment sakemm it-tfal jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) sena , jew meta jkollhom impieg bi qliegh, skont liema cirkostanza tavvera ruhha l-ewwel. Din il-Qorti tosserva li, rigward tal-obbligu tal-genituri li jmantnu lil uliedhom, iz-zieda fl-eta` ghall-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena hija kontemplata fl-Artikolu 3B[2][a] tal-Kap. 16, u hija marbuta mal-kundizzjoni li t-tfal taht tlieta u ghoxrin (23) sena, ghalkemm maggorenni, ikunu *"... … studenti li qeghdin jippartecipaw f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim full-time u huma taht l-eta` ta' tlieta u ghoxrin sena"* <u>u</u> *"... ... fejn ma jkunx ragjonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq…."*

**32.** Ghaldaqstant din il-Qorti, sabiex teskludi l-possibilita` li l-manteniment jibqa' dovut wara li t-tfal jaghlqu tmintax (18) -il sena, ma jkunux f'impieg, u lanqas ma jkunu studenti kif irid l-imsemmi artikolu, tikkonsidera opportun li temenda din il-parti tad-decizjoni billi tordna li l-hlas tal-manteniment ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar ghal kull wild jieqaf hekk kif il-minuri jaghlaq tmintax (18)-il sena, u wara din id-data, tenut ukoll li l-attrici, li tahdem bhala *accounts clerk*, u jkollha izjed cans li tkompli tahdem galadarba t-tfal, allura maggorenni, ikunu jistghu jfendu ghal rashom, il-manteniment dovut lill-attrici wara li l-minuri jaghlqu t-tmintax (18)-il sena u jkunu jikkwalifikaw ghall-manteniment taht l-Artikolu 3B[2], jigi ridott ghal mija, hamsa u sittin Euro (€165) fix-xahar ghal kull wild.

**33.** Ghalhekk, fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi, dan l-aggravju jitqies bhala parzjalment fondat.

<u>*Ir-raba' u l-hames aggravji*</u>

**34.** Dawn jitrattaw l-assenjazzjoni tal-beni mobbli, dawk tal-komunjoni tal-akkwisti u dawk parafernali tal-attrici.

**35.** Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti osservat hekk:

**"Beni mobbli:**

"Illi l-Qorti fuq dan l-aspett hija xi ftit jew wisq deluża mill-provi mressqa mill-partjiet u se tipprova tasal għal bilanċ biex tara li l-partijiet jieħdu sehem adekwat mill-mobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Dan għaliex ħadd mill-partijiet ma ġab prova tal-valur ta' dawn l-akkwisti.

"Illi jirriżulta infatti li *oltre* l-beni eżistenti fid-dar matrimonjali, il-konvenut għandu fuq ismu ħames vetturi, u għandu negozju *part time* fejn jaħdem l-*aluminium* bl-għodda relattivi. Il-Qorti jidhrilha li dawn għandhom jibqgħu fuq ismu, billi jużahom hu, iżda l-attriċi in kontrokambju għandha tiġi assenjata ċertament il-mobbli eżistenti d-dar matrimonjali u somma flus li l-Qorti se tillikwida fl-ammont ta' sebat elef Ewro (€7,000) bħala ekwiparazzjoni.

"Illi dwar flus allegatament mislufa mill-ġenituri tal-attriċi dawn għandhom jitħallsu mill-partijiet fi kwoti ndaqs. Il-konvenut għandu jħallas djun mad-dipartiment tat-taxxa (taxxa tad-dħul u VAT) u l-arretrati li baqa' mal-ARMS Limited li jkopru l-perjodu li huwa kien għadu fil-pussess tad-dar, u ċjoe' l-1 ta' April 2010.

"Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li billi huma ta' entitajiet varji naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti kif għandhom jinqasmu wkoll fl-istess miżura l-flus depożitati l-Qorti.

**"Beni parafernali:**

"Illi mhux kontestat li l-attriċi ħadet magħha fiż-żwieġ is-somma ta' Lm4,000 (€9,317.49) li allura għandha tieħu lura."

**36.** Dwar <u>il-beni mobbli</u>, l-aggravju tal-konvenut hu fis-sens li l-assenjazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti hija ngusta, u jidher li meta dik il-Qorti assenjat il-mobbli kollha

lill-attrici, filwaqt li lilu assenjatlu l-vetturi, in-negozju u d-dejn tat-Taxxa tad-dhul u tal-VAT, ma ttiehditx konjizzjoni tal-valur antik tal-vetturi u tal-fatt li n-negozju tieghu kien ilu wieqaf ghal diversi snin. Jghid ukoll li l-ekwiparazzjoni ta’ sebat elef Euro (€7,000) lill-attrici hija esagerata. Barra minnhekk il-kontijiet arretrati tad-dawl u ilma, tat-Taxxa u tal-VAT huma passiv tal-komunjoni, u bhala tali ghandu jigi sopportat bejn tnejn.

**37.** Fir-rigward hija floka l-osservazzjoni li, tenut kont li z-zewg partijiet, kemm fl-azzjoni kif ukoll fil-kontro-talba, talbu l-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, kien jispetta liz-zewg partijiet li jressqu provi, mhux biss tal-konsistenza tal-assi, izda anke tal-valur taghhom, altrimenti l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tkun qed issir fl-ghama. Madankollu, din il-Qorti, bi sforz sabiex minghajr aktar dewmien tikkonkludi dawn il-proceduri li jirrisalu ghas-sena 2008, ser temenda s-sentenza appellata fir-rigward, billi tghaddi ghall-assenjazzjoni aktar gusta fic-cirkostanzi.

**38.** Din il-Qorti thoss li l-ilmenti tal-konvenut fir-rigward huma parzjalment fondati. F’dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

**39.** Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li, minkejja li fl-udjenza tat-3 ta’ Frar 2012 il-partijiet kienu obbligaw ruhhom li jiskambjaw noti dwar il-valur tal-mobbli, l-attrici dwar l-ghamara, u l-konvenut dwar l-ghodda, il-provi fir-rigward huma skarsi.

**40.** Filwaqt li l-attrici fil-lista pprezentata minnha elenkat dettaljatament l-ghamara, ma ndikat ebda valur. Min-naha tieghu, il-konvenut ma talabx nomina ta’ espert stimatur sabiex jistma l-ghamara.

**41.** Il-konvenut ipprezenta diversi ricevuti dwar xi ghodda mixtrija, li komplessivament jammontaw ghal circa sitt mija u tnejn u tmenin liri antiki (Lm682), liema ammont, maghdud mieghu l-ammont ta’ elfejn, seba’ mija u erbaghtax-il lira antika (Lm2,714), il-valur tal-magna iwassal ghall-ammont komplessiv ta’ tlett elef, tliet mija u

sitta u disghin liri antiki (Lm3,396). Izda, ghar-rigward tal-vetturi li ghandu fuq ismu, huwa ndika l-valur ta’ vettura wahda biss, ammontanti ghal hames mitt Euro (€500), kif tidher fuq il-polza tal-assigurazzjoni taghha. Min-naha taghha l-attrici ma talbitx in-nomina ta’ espert stimatur sabiex jistma l-ghodda u l-vetturi.

**42.** Fid-dawl tal-premess, l-ewwel Qorti kellha ragun meta osservat li kienet tinstab deluza mill-provi mressqa fir-rigward, u din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti, ma kinitx fil-pozizzjoni li taghmel assenjazzjoni akkurata bazata fuq figuri precizi li b’ezercizzju matematiku dwar il-valuri, iwasslu ghall-konkluzjoni preciza. Ma kien hemm xejn xi jzomm lill-partijiet li, bhal kif ghamlu dwar id-dar matrimonjali, jaslu ghall-valur konkordat fuq l-ghamara, l-ghodda u l-vetturi fuq isem il-konvenut.

**43.** Dwar in-negozju li l-konvenut kien jiggestixxi *part-time*, dan jghid li in-negozju huwa inezistenti u ilu wieqaf ghal diversi snin, izda dwar dan, il-provi huma skarsi. Jghid li l-ghodda qeghda fuq naha wahda tal-*garage*, u m’ghadux jahdem, filwaqt li l-magna fuq imsemmija mhijiex qeghda fil-*garage*. Min-naha taghha l-attrici ssostni li l-konvenut baqa’ jahdem go *garage* ma’ haddiehor. Provi fir-rigward ma ngabux.

**44.** Ghalhekk din il-parti tal-aggravju hija gustifikata, u il-Qorti, filwaqt li taqbel mal-ewwel Qorti li dawn l-ghamara, l-ghodda u n-negozju jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ser temenda l-assenjazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti kif ser jinghad aktar ’il quddiem.

**45.** Rigward id-dejn rapprezentanti arretrati ta’ VAT u Taxxa tad-dhul, il-Qorti tosserva li l-konvenut ghandu ragun jilmenta mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li hu wahdu ghandu jhallas id-dejn li fadal mad-dipartiment tat-taxxi. Dan huwa dejn maghmul meta l-komunjoni tal-akkwisti kienet ghada vigenti, u ghalhekk huwa dovut miz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.

**46.** Dwar l-arretrati li baqa’ mal-ARMS Limited sal-1 ta’ April 2010 li jkopri l-perjodu meta huwa kien ghadu jghix

fid-dar matrimonjali, din il-Qorti tosserva li dawn l-arretrati kif ukoll il-kontijiet sussegwenti sad-data ta' din is-sentenza, huma passiv tal-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk huma a karigu taz-zewg partijiet f'ishma ndaqs.

**47.** Jigi osservat ukoll li, ghalkemm il-konvenut ma baqax jghix fid-dar matrimonjali mill-imsemmija data, jiqba' l-fatt li t-tfal tal-partijiet baqghu jghixu f'dan il-fond, u ghalhekk parti mill-konsum, jekk mhux il-parti l-kbira tal-konsum, sar a beneficcju taz-zewg ulied tal-partijiet. Ghalhekk anke minn dan l-aspett, jibqa' l-obbligu tal-konvenut li jippartecipa fl-ispejjez tal-konsum ta' dawn l-utilitajiet.

**48.** Ghall-ahjar intendiment tal-gudizzju odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] li s-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) li l-ewwel Qorti assenjat lill-attrici *"bhala ekwiparazzjoni"* hija minghajr bazi fattwali, u ghalhekk din il-parti tas-sentenza ser tigi revokata.

[2] li mill-provi jirrizulta li l-attrici ghandha kreditu parafernali fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u hamsin liri antiki (Lm2,450) rapprezentanti l-valur tal-kcina *fitted*.
[3] li huwa pacifiku li l-attrici gabet fiz-zwieg is-somma ta' erbat elef liri antiki (Lm4,000), filwaqt li d-dar inxtrat gebel u saqaf u l-*finishings* u l-*furnishings* taghha saru, in parte mill-flus tal-konvenut u in parte mir-rigali tat-tieg. Il-konvenut jghid li hu nefaq aktar minn erbat elef liri antiki (Lm4,000) biex irrenda d-dar abitabbli. Min-naha taghha l-attrici tammetti li l-konvenut hallas minn butu l-ammonti ta' tliet mitt lira antika (Lm300) u ta' elf u mitejn lira antika (Lm1,200) ghal dan il-ghan.

**49.** Ferm il-premess, il-Qorti ser tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn il-konvenut gie ordnat jaghti lill-attrici s-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) bhala ekwiparazzjoni, kif ukoll is-somma ta' disat elef, tliet mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49) bhala beni parafernali taghha. Izzid ukoll li l-assenjazzjoni lilha tal-ghamara li hemm fid-dar konjugali qed issir ghas-saldu ta'

sehemha mill-mobbli tal-komunjoni tal-akkwisti u ghas-saldu tal-krediti parafernali dovuti lilha, b'mod li dawn ma jkunux aktar dovuti mill-konvenut kif ordnat fis-sentenza appellata. Min-naha tal-konvenut, l-assenjazzjoni lilu tal-ghodda, tan-negozju u tal-vetturi qed issir ghas-saldu ta' sehemu mill-assi mobbili tal-komunjoni, u tal-kreditu parafernali tieghu.

**50.** Inoltre, kif fuq spjegat, id-djun pendenti sal-gurnata ta' dan il-gudizzju jkun a karigu taz-zewg partijiet fi kwoti ugwali, izda f'dan ir-rigward jibqa' impregudikat id-dritt tal-partijiet naxxenti mill-Artikolu 1326 tal-Kap. 16, jekk ikun il-kaz.

*Is-sitt aggravju*

**51.** Dan jirrigwarda d-dar matrimonjali u precizament dik il-parti fejn l-ewwel Qorti akkordat lill-attrici perjodu ta' sitt (6) snin li fihom hi giet awtorizzata tabita fid-dar matrimonjali, flimkien ma' uliedha, ad eskluzjoni tal-konvenut, wara liema perjodu d-dar ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet,

**52.** Il-konvenut jilmenta mill-imsemmi perjodu moghti mill-ewwel Qorti u jghid hekk:

"[Hu] jhoss li din id-decizjoni hija ferm u ferm esagerata u zgur li ma timmeritax dan il-kastig. Filwaqt li wiehed jista' jifhem li t-tfal ghandhom bzonn saqaf fuq rashom, pero' jekk tinbigh d-dar matrimonjali ikun hemm bizzejjed flus sabiex il-partijiet jiehdu n-nofs taghhom u jixtru dar jew appartament decenti ghalihom sabiex it-tfal jkunu jisstghu jghixu mal-partijiet rispettivament. B' din id-decizjoni in partikolari l-esponenti qieghed jiccahhad milli jiehu n-nofs spettanti lilu skond il-ligi halli jkun jista' igawdi dak li hadem ghalih. Jekk iz-zwieg tfarrak, l-esponent ghandu dritt jerga' jibda hajtu u dan qieghed jigi mcahhad milli jaghmel hekk. Ukoll ta' min isemmi illi l-esponenti gja' ilu tlett snin jghix barra mid-dar matrimonjali bil-problemi finanzjarju tieghu, u m' ghandux jigi kkundannat ghal aktar tbatija."

**53.** Fir-rigward diga` gie ritenut[2] minn din il-Qorti, diversament komposta, li meta l-assi tal-partijiet jikkonsistu principalment f'proprjeta` wahda, cioe` l-fond matrimonjali, mhuwiex gust li parti tigi privata mis-sehem taghha f'din il-proprjeta` ghal perjodu twil.

**54.** Fil-kaz in dizamina, jirrizulta li t-tfal tal-partijiet, ghalkemm ghadhom minorenni, illum ghandhom certu eta` li taghtihom grad ta' maturita` u indipendenza, filwaqt li l-attrici tahdem u tiggenera introjtu. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti thoss li l-perijodu ta' sitt (6) snin sakemm tinbiegh id-dar u z-zewg partijiet jiehdu sehemhom mill-proprjeta` taghhom huwa twil, u hija tal-fehema li perjodu ta' <u>tliet (3) snin</u> ikun aktar ekwu u gust. Gheluq it-tliet (3) snin it-tfal ikollhom circa tmintax (18) u hmistax (15)-il sena, u ghalhekk din il-Qorti ma tirravvizax xi pregudizzju serju li l-bidla fir-residenza tista' tikkaguna lit-tfal. Fi kliem iehor, mhux il-kaz li l-bejgh tad-dar wara tliet (3) snin mil-lum ser jiddisturba il-*focolare domestico* bhal fil-kaz ta' meta t-tfal ikunu ghadhom ta' eta` zghira.

**55.** Inoltre, il-valur tad-dar stmata mill-partijiet fl-ammont ta' mija u erbgha u sebghin elf, seba' mija u tlieta u disghin Euro (€174,793), jippermetti liz-zewg partijiet li minn sehemhom mir-rikavat jixtru appartament adegwat ghal bzonnijiet taghhom.

**56.** Ghalhekk dan l-aggravju, fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi, qed jitqies bhala fondat.

## <u>Decide</u>

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenut limitatament kif ser jinghad: billi tirrevoka d-decizjoni dwar it-tielet talba attrici, u, minflok, tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ta' hames mitt Euro (€500) fix-xahar sakemm il-minuri jaghlqu t-tmintax (18)-il sena jew ikollhom impieg bi qliegh adegwat, liema cirkostanza tavvera ruhha l-ewwel. Wara li l-minuri jaghlqu t-tmintax (18)-il sena, u jekk jikkonkorru l-kundizzjonijiet kontemplati

[2] Vol.XXXIII.II.299

fl-Artikolu 3B[2][a] il-manteniment jibqa' dovut sakemm il-minuri jaghlqu t-tlieta u ghoxrin (23) sena, izda jigi ridott ghal mija, hamsa u sittin Euro (€165) fix-xahar ghal kull wild; billi tirrevoka d-decizjoni dwar ir-raba' talba fejn l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' disat elef, tliet mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49), u, minflok, tichad it-talba; billi tirrevoka d-decizjoni dwar is-sitt (6) talba, u, minflok tordna hekk: li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xjolta, u likwidata u jigu assenjati lill-attrici nofs id-depoziti bankarji, kemm dawk li jinsabu fuq isem il-partijiet separatament kif ukoll dawk kongunti, filwaqt li n-nofs l-iehor jigi assenjat lill-konvenut; jigu assenjati lill-attrici, ghas-saldu ta' sehemha mill-mobbli u ghas-saldu tal-krediti parafernali taghha kontra l-komunjoni, l-ghamara kollha ezistenti fid-dar konjugali; jigu assenjati lill-konvenut, ghas-saldu ta' sehemu mill-mobbli, u tal-krediti parafernali tieghu kontra l-komunjoni talvolta dovuta lilu, l-ghodda, in-negozju u l-vetturi kollha; inoltre, tordna li d-djun pendenti llum mad-dipartimenti tal-Gvern, fosthom dak tat-Taxxa tad-Dhul u tal-VAT jkunu a karigu taz-zewg partijiet fi kwoti ugwali, filwaqt li l-flus mislufa mill-krediti taz-zewg partijiet jibqghu a karigu taz-zewg partijiet fi kwoti ugwali, soggetti ghal gudizzju separat. Wara tliet (3) snin il-Qorti tordna li l-fond matrimonjali jinbiegh taht l-awtorita` tal-Qorti fuq talba ta' parti jew ohra; billi tirrevoka d-decizjoni dwar it-tmien talba, u minflok, tawtorizza lill-attrici tghix wahedha, flimkien ma' ulied il-partijiet, fid-dar matrimonjali ghal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum; tikkonferma s-sentenza ghal bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi, filwaqt dawk tal-appell odjern ghandhom jigu sopportati inkwantu ghal terz [$^{1}/_{3}$] mill-attrici, u zewg terzi [$^{2}/_{3}$] mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------